MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 305/2011

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fis-26 ta' Dicembru 1967 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, li illum huma kollha maggorenni;
2. Illi fil-5 ta' Lulju 2001 il-kontendenti infirdu permezz ta' separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn Nutar Liza Camilleri, illum Schembri – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument "A";

3. Illi ma hemm ebda prospett ta rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi r-rikorrenti jhoss li ghandu jaqta' kull rabta mal-intimata u jixtieq li juzufruwixxi ruhu minn dak li jipprovdi is-subtitolu 1V tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civli (kif gie emendat bl-effetti tal-Att X1V tas-sena korrenti) u allura li jiddivvorzja minn martu b'mod li kull legam maghha jinqata' darba ghal dejjem;
5. Illi ma hemm ebda manteniment x'jithallas lill-ulied billi illum huma kollha maggorenni u qabzu l-eta ta' 23 sena;
6. Illi il-partijiet huma t-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' snin u permess li ma hemm ebda possibilita ta' rikoncilazzjoni bejniethom u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda u mill-provi kollha prodotti ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ separazzjoni konsenswali fil-5 ta’ Lulju 2001.  Irrizulta illi ma hemm l-ebda manteniment x’jithallas lill-ulied illi illum huma kollha maggorenni u ghandhom ‘il fuq mill-eta ta’ 23 sena.  Il-Qorti rat ukoll illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------